


HAL BALZAN

"Hortibus Undique Septa" - Imdawwar bil-Gonna minn Kullimkien

IS-SEBA' SENA Nru. 42 LULJU/AWISSU 1978

HARGA SPECJALI TAL-FESTA TA' MARIJA ANNUNZJATA 1978

PROGRAMM TAL-FESTI SOLENNI F'GIEH MARIJA ANNUNZJATA

Il-Hadd, 2 ta' Lulju:

7.00 p.m. Marc u programm fuq iz-zuntier tal-Knisja mill-Banda 'San Gabriel' tal-Parroċċa.

8.15 p.m. Hruġ ta' l-istatwa min-niċċa.

It-Tnejn, 3 ta' Lulju:

6.30 p.m. Quddiesa bil-kant u t-tqarbin għat-tfal kollha tal-Parroċċa, minn Dun Vinċ. Cachia.

It-Tlieta, 4 ta' Lulju:

6.30 p.m. Qudiesa bil-kant u t-tqarbin għall-familji tal-Parroċċa, mill-Kan. Gius. Mifsud Bonnici, Kappillan tal-Parroċċa tal-Immakulata Kunċizzjoni, Hamrun, u Dekan tad-distrett tagħna.

L-Erbgħa, il-Hamis, u l-Ġimgħa, 5, 6 u7 ta' Lulju:

6.00 p.m. Għasar kantat bil-Malti, bis-sehem tal-poplu.

6.30 p.m. Quddiesa bil-kant u bl-omelija tat-Tridu, mill-Kan. Lawrenz Mifsud, Arċipriet tal-Birgu.
Kurunella, Innu, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Il-Ġimgħa, 7 ta' Lulju:

Marċi mill-Baned 'San Gabriel' u '12th May' ta' Haż-Żebbuġ.
Mixegħla ġenerali u logħob tan-nar

Is-Sibt, 8 ta' Lulju:

7.15 a.m. Quddiesa bil-mużika bil-Malti, Te Deum tat-Tridu u Antifona.

9.00 a.m. Quddiesa bil-kant għall-morda tal-Parroċċa, tberik tal-morda u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Jiffunzjona Mons. Mikiel Azzopardi, Direttur tad-Dar tal-Providenza.

6.30 p.m. Traslazzjoni tar-Relikwija tal-Madonna mill-Eċċ.za Tiegħu Rev.ma Mons. Sir M. Gonzi, Arċisqof Emeritu.

7.00 p.m. Pontifikal Solenni Konċelebrat bil-mużika, immexxi mill-Eċċ.za Tiegħu Rev.ma Mons A. Del Giudice, Nunzju Apostoliku, u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

8.00 p.m. Marċi u programmi mill-Baned 'San Gabriel' u 'Queen Victoria' taż-Żurrieq. Il-Banda 'San Gabriel' tesegwixxi l-"Innu lil Marija Annunzjata", bis-sehem tal-Kor 'Pax Christi' ta' Hal Għargħur.

10.30 p.m. Murtali tal-kulur u logħob tan-nar mid-dilettanti Balzanin.

Il-Hadd, 9 ta' Lulju:

8.45 a.m. Kant ta' Terza u Quddiesa Pontifikali solenni bil-mużika, immexxija mir-Rev.mu Mons. Gerard Frendo. Wara l-Evanġelju, Paneġierku mir-Rev. Patri Alfons Sammut, O.F M. Conv., Kappillan ta' Burmarrad.

9.30 a.m. Marċ mill-Banda '12th May' ta' Haż-Żebbuġ.

5.30 p.m. Marċi u programmi mill-Baned 'King's Own' tal-Belt u 'Konti Ruġġieru' tar-Rabat.

6.30 p.m. Għasar bil-mużika u Kompieta korali.

7.30 p.m. Purċissjoni bl-istatwa ta' Marija Annunzjata u r-relikwija tal-Madonna, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
Matul il-purċissjoni u wara, murtali tal-kulur u kaxxi nfernali mid-dilettanti Balzanin.

10.00 p.m. Marċ ta' għeluq il-festa mill-Banda 'San Gabriel'.

Il-logħob tan-nar jagħti lewn u ħajja lill-festa Maltija. Hal Balzan ukoll għandu d-dilettanti tiegħu tan-nar li ta' kull sena jfittxu li jsebbħu l-festa tal-Lunzjata b'nar meqjus li jagħti pjaċir lil kulħadd. Dawn id-dilettanti għandhom il-kamra tan-nar tagħhom — "St. Gabriel Fireworks Factory" — li qiegħda fl-inħawi ta' l-Iklin.

EDITORJAL

IL-FERH TAL-FESTA

Għal sena oħra, reġa' wasal it-tieni Hadd ta' Lulju, u għal darb' oħra aħna l-Balzanin ninsabu ħerqanin nistennew il-festa għażiża tal-Lunzjata. Għalkemm din il-festa r-raħal tagħna ilu jiċċelebraha tul bosta snin, hija festa li tibqa' tferraħ u tagħti l-paċi u ġġib mistennija, għax marbuta ma' Hal Balzan u minquxa fil-qlub ta' wliedu. Din l-imħabba lejn Hal Balzan u l-Lunzjata l-Balzanin wirtuha tul is-snin, u għalhekk minn dejjem ħabirku sabiex lil Sidtna Marija, taħt it-titlu ta' l-Annunzjata, jagħmlulha festa li tabilħaqq tixirqilha bħala Omm t'Alla u Ommna l-bnedmin u bħala Patruna speċjali ta' dan ir-raħal.

Din hija t-tifsira tal-festa sabiħa li nagħmlu f'Hal Balzan. Hawn isibu s-sinifikat tagħhom l-armar u t-tiżjin tal-knisja u t-triqat u d-djar tagħna, id-daqq tal-qniepen, il-bnadar u l-mixegħla, il-marċi bil-juzi tal-baned, il-logħob tan-nar, u l-ħidmiet u l-attivitajiet varji li jsiru tul il-ġimgħa tal-festa.

Iżda dan mhux kollox. Anzi dan għandu jkun biss il-qoxra ta' barra ta' dak li hu l-qofol tal-festa. Il-veru ferħ tal-festa huwa l-ferħ spiritwali, il-ferħ u l-paċi li ġabilna Kristu, u li Marija hija l-aqwa eżempju tal-milja tiegħu. Huwa l-ferħ ta' wlied Alla, li nħossuh fina meta nagħmlu r-rieda tiegħu u naċċettaw dak li jitlob minna, bħal- ...

• għal paġna 2



Bil-kortesija tal-Bord tat-Turiżmu tal-Gvern Malti

"ĦAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-
BORD EDITORJALI — "ĦAL BALZAN"

c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel'
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.

IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

Għeżież tiegħi,

Din is-sena, bil-għajnuna ta' Alla u ta' Marija Annunzjata, ser nagħmlu flimkien, għall-24 darba kemm ili Kappillan tagħkom, Festa solenni bħas-snin l-imgħoddija f'ġieħ il-Patruna tagħna tas-sema.

Matul dawn is-snin kollha għandi s-sodisfazzjon ngħid li lkoll kemm aħna, kleru, każini u l-poplu, għamilna ħilitna biex nuru minn barra l-qima sinċiera li għandna f'qalbna lejn Marija Annunzjata. U jiena ċert li anke l-Festa ta' din is-sena ser tkun prova oħra ta' l-isbaħ sentimenti li jfawru f'qalbna lejn Dik li nisslet lil Min ħalaqha. It-thejjijiet li ġa qegħdin jidhru jiena u nikteb dawn il-ħsibijiet jagħtuni prova oħra, għalkemm ma għandix bżonn ta' provi, ta' kemm il-Balzanin iħobbu lill-Madonna u lill-Parroċċa tagħhom.

L-imħabba li qiegħed insemmi hija naturalment kollha kemm hi spiritwali, u għalhekk anke l-frott tagħha, l-egħmil li ġej minnha, għandu jkun spiritwali. Mela l-festa li nagħmlu lill-Madonna għandha tkun l-ewwel u qabel kollox spiritwali, jiġifieri li lkoll infittxu li fil-ġranet tal-festa nieħdu l-akbar sehem li nistgħu fil-parti tal-festa li l-aktar togħġob lill-Madonna, jiġifieri l-funzjonijiet li jsiru fil-Knisja, li nisimgħu l-quddies, inqerru u nitqarbnu.

X'festa tkun ġiet għalih dak il-Balzani li f'jum il-festa ta' Marija Annunzjata ma jersaqx biex mal-komunità tal-Parroċċa jieħu sehem fit-tiġdid tas-sagrifiċċju tas-salib? Jista' jgħid li qed junura lill-Madonna dak l-iben tagħha li, anke fil-jum tal-festa tagħha, huwa miġġieled magħha, u ma' Binha Ġesù, għax għandu ruħu mtebbgħa bid-dnub? Kemm jista' jgħid li jħobb lill-Madonna dak l-iben ta' Ħal Balzan li, nhar il-festa tal-Madonna, ma jersaqx biex jilqa' ġo fih lil Ġesù, bħalma laqgħetu ġo fiha Ommu Marija fil-jum tat-Tħabbira tagħha mill-Arkanġlu Gabrijel, il-messaġġier ta' Alla? X'unur jagħti lill-Madonna dak il-Balzani li l-jum tal-festa, u forsi anke l-jumejn ta' qabel, igħaddih idur minn post għal ieħor tax-xorb biex 'igawdi mal-ħbieb', jabbuża fix-xorb u jisker bil-konsegwenzi kollha li dan iġib miegħu u li ma hemmx għalfejn insemmuhom? Kemm iqum kuntent l-għada tal-festa min jisserva bil-festa biex jaqla' l-inkwiet u l-ġlied u hekk iħassar u jtebba' l-isem tajjeb li l-Parroċċa tagħna dejjem gawdiet ma' dawk il-barranin li jiġu jaqsmu magħna l-ferħ ta' dan il-Jum?

Dan li għadni kemm ktibt naf li jgħodd għal għadd żgħir min-nies tal-Parroċċa tagħna, għaliex il-maġġoranza kbira ħafna tagħmel mill-Festa jum ta' qima lil Alla permezz tal-qima li tingħata lil Marija Annunzjata. U qiegħed nikteb dan li ktibt proprju għaliex nixtieq li l-Parroċċa kollha, il-Balzanin kollha, kull wieħed u kull waħda minna, jisserva bil-festa biex jiżra' l-għaqda, l-imħabba, il-ftehim; li kulħadd ifittex li jidħol fl-ispirtu ġenwin tal-festa biex jimtela dejjem aktar bil-vera devozzjoni lejn Marija: dik li jitgħallem dejjem aktar fuq il-virtujiet tagħna u hekk ikun aktar jista' jimxi fuq il-passi tagħha.

Nixtiqilkom ilkoll minn qiegħ qalbi festa sabiħa f'ġieħ Marija Annunzjata u kull ferħ għar-ruħ u għall-ġisem.

Il-Kappillan.

ID-DAR TA' OMMNA MARIJA

Bħal iben li jħobb dar ommu,
li fiha l-hena jġarrab,
l-aktar f'jum il-festa tagħha,
minnha le jrid jitwarrab.

Din id-dar t'Ommna Marija,
li għaliha ġiet mibnija
min-nies tagħna, ta' qabilna,
illi baqgħu imsemmija

għal sengħethom u ħilithom,
għal dal-bini wisq sabiħ,
li bis-saħħa ta' dirgħajhom
ħadmu bla ebda mistrieħ.

U biex juru imħabbithom
żejnuha kif kien meħtieġ,
biex fiha jgħammdu 'l uliedhom,
u fejn igħaqqduhom fiż-żwieġ.

U għalhekk saret Parroċċa;
għalhekk tħabtu l-Balzanin,
u flushom ukoll ħarġuhom
għax b'dil-knisja wisq kburin.

Tabilħaqq biċċa xogħol kbira,
bil-koppla w bil-kampnar;
il-bennejja w l-iskulturi
ħadmu iebes lejl u nhar.

U meta lestew is-saqaf,
hemm inġabru dwar l-altar,
irġiel, nisa, xjuħ u żgħażagħ,
flimkien magħhom kbar u żgħar.

U hemm kollha għalenija
għannew b'leħen wisq ferrieħ,
tifħir 'l Alla is-Setgħani
bi kliem ħelu u sabiħ.

Kliem issellfu mill-Vanġelu,
sa mill-kliem t'Ommhom Marija,
illi lissnet hija nfisha
f'dar qaribha Zakkarija.

Wara d-dehra minn ta' l-Anġlu,
din it-tfajla l-aktar fqira
saret Omm ta' Min Salvana,
fost il-ħlejjaq l-aktar kbira.

U min jista' jibqa' sieket
meta jisma' b'din l-aħbar?
U għalhekk Eliżabetta
qisitha grazzja mill-kbar.

U fis għajtet b'leħen għoli,
kif Omm Alla daħlet f'darha:
"Int imbierka fost in-nisa
li ġejt troddli din iż-żjara."

Hawnhekk dawna iż-żewġ nisa,
illi saru ommijiet,
bdew jitgħannqu bl-akbar għożża,
jaqsmu l-hena tas-smewwiet.

B'dan il-ħsieb illum ġo moħħna,
magħhom jixraq li nifirħu;
nittamaw ingawdu magħhom,
ġewwa l-ġenna għad nimirħu.

Hemm insibu dar wisq isbaħ
minn dil-knisja ħelwa tagħna!
Hemm il-koppla hi wisq akbar,
u l-knisja bil-wisq wesgħana!

Id-damask li hemm insibu,
u kull għamla ta' tiżjin,
lewn kaħlani mimli kwiekeb
bix-xemx tiddi imdawlin.

Lewn il-ward hemm qatt ma jitfi,
il-weraq qatt ma jitbiel,
il-bnedmin jidhru bħall-anġli,
sbieħ bħall-Anġlu Gabrijiel.

Hemmhekk jidħlu biss l-imseddqa,
dawk l-insara it-twajbin,
dawk li jemmnu li Marija
hi tassew Omm il-Bambin.

Illi Hija Omm u Xebba
illum nerġgħu nistqarruh.
u fil-festa tal-Lunzjata
illum nerġgħu nistqarruh.

Rafel Bonnici Cali'

Ħal Tarxien — 1978

IL-FERĦ TAL-FESTA

• minn paġna 1

ma għamlet Marija mat-tħabbira ta' l-Anġlu — "Hawn jien Mulej; ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek."

Dan il-ferħ jidher ukoll fl-imġiba tagħna ma' ħutna l-bnedmin; ferħ li ma jafx bi ġlied u tilwim, ma jafx b'għira u mibegħda; imma huwa ferħ li jaċċetta u jagħder in-nuqqasijiet f'ħaddieħor, ferħ li jirrispetta 'l ħaddieħor, ukoll meta l-idejat u l-fehmiet ma jaqblux, ferħ li jżommok f'postok u jgħinek tgħix fis-sliem ma' kulħadd.

Dan il-ferħ jagħtihulna biss Kristu, u ħadd ma jista' joħodhulna. Kull ferħ ieħor huwa vojt u ma jimliex il-qalb, għax Kristu waħdu huwa s-sultan tal-paċi. Huwa dan il-ferħ li għandu jikbes fina tul dawn il-jiem għeżież tal-festa, l-aktar bis-sehem tagħna fil-funzjonijiet reliġjużi. Mimlijin b'dan il-ferħ, ħalli ninfexxu fil-briju li ġġib magħha l-festa, għaliex dan il-briju estern huwa xieraq ukoll, u l-Madonna tridu.

B'dan l-awgurju nsellmulkom, għeżież Balzanin, f'dawn il-jiem qaddisa. Nixtiequ minn qalbna l-FESTA t-TAJBA lil kulħadd.

GRECH'S LTD.
154, ST. SEBASTIAN STREET, QORMI
Telephone: 47015
97, NAXXAR ROAD, BALZAN
Telephone: 41367

A full range of wall and floor ceramic tiles in 40 different designs and styles has just arrived for you to suit your choice. We also specialise in luxurious bathroom suites, English and Continental, in 21 different colours.

GENERAL MATERIAL FOR USE IN THE
BUILDING INDUSTRY
Everything is offered to you to build your future bathroom, with prices to suit your pockets.

Sole Agents for:
HADRIAN and SYNFLAT Emulsion Paints,
WESTEN Products, INDUSTRIA Cast Iron Bath Tubes,
CERAMITAL Tiles and SAMCA Tiles.

ZEWG KARDINALI JZURU HAL BALZAN

B'sodisfazzjon kbir irridu nfakkru l-qagħda fostna ta' żewġ Kardinali, l-Eminenzi Tagħhom FRANZ KOENIG, Arċisqof ta' Vjenna, Awstrja, u PAUL ZOUNGRANA, Arċisqof ta' Ougadoogoo, Upper Volta, Afrika.

Il-Kardinal Franz Koenig wasal Malta nhar il-Ħadd, 9 ta' April, wara nofs in-nhar, u telaq il-Ħamis, 13 tax-xahar, fil-għodu. Matul il-qagħda tiegħu f'Malta huwa qagħad fil-Villa ta' Dun Ġwann Dimech fi Trejqa l-Papa Alessandru VII.

Il-Kardinal Paul Zoungrana wasal Malta nhar il-Ħadd, 16 ta' April, wara nofs in-nhar u dam hawnhekk sas-Sibt ta' wara, 22, fil-għodu. Huwa kien joqgħod fil-Villa ta' Mr. u Mrs. A.V. Galea fi Triq San Franġisk.

Iż-żewġ Prinċpijiet tal-Knisja aċċettaw bil-qalb kollha l-istedina tal-Kappillan biex jiġu jqaddsu fil-Parroċċa tagħna. Huma qaddsu quddiesa konċelebrata mal-qassisin tal-Parroċċa, u kien hemm ukoll xi qassisin barranin, li kienu qegħdin jieħdu sehem fl-Assemblea Dinjija ta' l-Apostolat Bibliku, li għaliha ġew Maltaż-żewġ Kardinali, u li fiha l-Kardinal Koenig ħalla l-kariga li kellu ta' President tagħha, u minfloku nħatar i-Kardinal Zoungrana.


IL-KARDINAL FRANZ KOENIG

Il-Kardinal Koenig

Il-Kardinal Franz Koenig qaddes nhar it-Tlieta, 11 ta' April. Il-quddiesa kienet bl-Ingliż, u fiha l-Kardinal għamel omelija, li fiha, wara li rringrazzja lil dawk li kienu stednuh jiġi Malta, lil dawk li kienu qegħdin iżommuh f'darhom u lill-Kappillan, li stiednu biex jiltaqa' mal-parruċċani, għadda biex jagħti messaġġ lil dawk preżenti.

Huwa qal li l-ewwel messaġġ tiegħu riedu li jkun lill-familji. Qal li minn familja soda jiddependi l-futur tal-Knisja u tal-pajjiż, u għalhekk irrikkmanda lill-ġenituri li jieħdu ħsieb il-għaqda tal-familja, li għandha tkun 'knisja żgħira', fejn it-talb u s-sagrifiċċji jsaħħu r-rabta u jqaddsuha.

It-tieni messaġġ tiegħu kien l-imħabba lejn il-Parroċċa, li hija wkoll familja kbira, fejn il-parruċċani jgħixu fil-għaqda ta' l-imħabba u jingħabru fid-dar ta' Missierhom tas-sema biex flimkien jagħtuh il-qima tagħhom.

L-aħħar messaġġ kien għażżgħażagħ, li huma t-tama tan-nazzjon għall-ġejjieni. ***Talab liż-żgħażagħ biex iħobbu l-Knisja u 'l pajjiżhom, jaħdmu bil-għaqal billi jħejju ruħhom għall-ħajja, ikunu ġenerużi fl-idejali tagħhom u jgħinu lill-oħrajn igħixu fid-dinjità ta' bnedmin fis-soċjetà umana u ta' wlied Alla fis-soċjetà reliġjuża.***

Wara d-diskors tal-Kardinal, il-Kappillan ta ġabra tiegħu fil-qosor bil-Malti.

Kien hemm numru kbir ħafna għat-tqarbin, li sar kollu mill-Kardinal. Wara l-quddiesa l-Kardinal kien mistieden fid-Dar tal-Kappillan, fejn iltaqa' mal-kleru, ma' dawk li għenu fil-liturġija ewkaristika u mal-familja tal-Kappillan.

Il-Kardinal Zoungrana

Il-Kardinal Paul Zoungrana qaddes fil-Parroċċa t-Tlieta ta' wara, 18 ta' April. Qaddes bit-Taljan u għamel huwa wkoll omelija, li ser inġibuha kollha maqluba għall-Malti:

Reverendu Kappillan,

Inħossni kommoss ħafna għal-laqgħa ta' aħwa li rċevejt f'din il-Knisja ta' l-Annunzjazzjoni. Nizzikħajr minn qalbi li offrejtli l-okkażjoni li niltaqa' mal-fidili tiegħek, u dan juri l-universalità tal-Knisja. Insellem u nizziħajr ukoll lis-saċerdoti li qegħdin jikkonċelebraw miegħi. Fikom, u fil-fidili ta' Malta, jiena nara, u nsellem, u nirringrazzja lir-rgħajja attivi u għassiesa ta' Malta, jiġifieri l-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof Emeritu Monsinjur Gonzi u l-Arċisqof Monsinjur Mercieca, kif ukoll lir-Rev. Mons. Carmelo Sant, il-maħbub gwida tiegħi.

Nirringrazzja lil kulħadd minn qalbi għall-ospitalità ġentili, u l-aktar lill-familja Galea.

Għeżież ħuti nsara ta' Malta, intom għandkom l-unur li lqajtu, 2000 sena ilu, lil San Pawl f'din il-gżira.

It-Taqsima 28 ta' l-Atti ta' l-Appostli tgħidilna li l-laqgħa li rċieva San Pawl kienet tant mill-qalb, li s-simbolu tal-ħażen, il-lifgħa moħbija fl-injam li offrewlu biex isaħħnu, ħarbet. Dan is-sens tradizzjonali tagħkom ta' ospitalità nisranija huwa għalikom raġuni ta' ftaħir.

L-Isqof li qiegħed ikellimkom huwa l-Arċisqof ta' Ouagadoogoo fil-Volta Ta' Fuq (Upper Volta), fl-Afrika tal-Punent. Għandi miegħi lil Padre Giuseppe Osei, minn Ghana, Segretarju Ġenerali tas-Simposju ta' l-Isqfijiet kollha ta' l-Afrika u ta' Madagascar. Ġejna hawnhekk għall-Kungress tal-Federazzjoni Kattolika Dinjija ta' l-Apostolat Bibliku; f'dan il-Kungress l-Afrika hija rappreżentata minn mhux anqas minn 27 membru. Intom taraw għalhekk illi l-Aħbar it-Tajba (l-Evanġelju), imxandra anke f'Malta mill-Appostlu tal-Ġnus, xterdet tant li waslet anke fl-Afrika.

Għalhekk il-preżenza tagħna f'Malta hija fl-istess ħin pellegrinaġġ u att ta' ringrazzjament.

Nizzikom ħajr għal din l-Ewkaristija li qegħdin niċċelebraw flimkien fil-Knisja tagħkom, u li fiha lkoll ser nitqarbnu bl-istess Ġisem u bl-istess Demm ta' Kristu, u hekk inkunu lkoll magħqudin sħiħ ma l-istess Mulej li waqqaf il-Knisja u li taha bħala Vigarju tiegħu l-Papa, li llum huwa Pawlu VI.

Flimkien magħkom aħna ferħanin li nweġġħu l-Knisja u nqimu l-Kap tagħha, il-Papa, li f'din il-gżira huwa rappreżentat minn Monsinjur Antonio Del Giudice, in-Nunzju Apostoliku. B'din l-Ewkaristija rridu ngħixu fil-karità ta' Kristu, li hija r-rabta li tgħaqqadna mal-membri kollha tal-Knisja mxerrdin fid-dinja kollha.

Il-Parroċċa tagħkom hija magħquda, mal-Parroċċi l-oħra kollha, li jiffurmaw Knisja waħda, li aħna fl-Afrika niftaħru li nagħmlu sehem minnha. J'Alla l-Knisja ta' Kristu ssaħħaħ il-għaqda bejnietna lkoll.


IL-KARDINAL PAUL ZOUNGRANA

B'dawn is-sentimenti nirrikkmanda għat-talb tagħkom il-knejjes żgħażagħ tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li bħalissa għandhom ħafna problemi xi jħollu.

San Pawl iġġieled għal-libertà nisranija. Intom, il-poplu ta' Malta, werrieta ta' dan l-Appostlu kbir, itolbu biex il-Mulej jagħti l-grazzja ta' l-Ispirtu tiegħu ħalli timla lil dawn il-knejjes żgħażagħ bid-doni tiegħu, u hekk huma jkunu jistgħu jagħmlu apostolat li jħalli ħafna frott, biex is-Saltna ta' Alla tittħabbar kullimkien.

Il-paċi tal-Mulej tkun magħkom, għeżież ħuti.

Dak in-nhar stess saret ġabra, li mbagħad tkompliet fil-jiem ta' wara permezz ta' kaxxi li tqiegħdu fejn il-bibien tal- Knisja, biex ngħinu t-tagħmir ta' sptar f'Ouagadoogoo li ġie mibni b'għajnuna taljana. Inġabret is-somma ta' £M200. Imbagħad sirna nafu li ħames familji ftiehmu bejniethom li jagħmlu offerta għall-istess skop u ġabru £M300.

P.S.

L-aħħar messaġġ tal-Kardinal Koenig lill-Parroċċa bagħatulna minn Ruma. Is-Sur Karm Bonello, ta' 4A, Triq it-Tliet Knejjes, waqt li kien fi triqtu lejn Firenze biex jara 'l uliedu, kien maġenb il-Kardinal fuq l-istess ajruplan. Wara li tħaddtu bejniethom u l-Kardinal staqsa lis-Sur Bonello fejn kien sejjer, id-diskors naturalment waqa' fuq Ħal Balzan. Skond ma qalilna s-Sur Bonello, il-Kardinal wera l-apprezzament tiegħu għall-ospitalità li sab f'pajjiżna u għal-laqgħa li saritlu f'Ħal Balzan, fejn impressjona ruħu bil-funzjoni li għaliha attendew bosta nies. Qabel ħallew lil xulxin fl-ajruport ta' Ruma, il-Kardinal Koenig bagħat il-barka tiegħu lit-tfal tas-Sur Bonello.

RINGRAZZJAMENT

Ngħarrfu lill-qarrejja li kollha — kontributuri ta' reklami, kittieba, u dawk li b'tant paċenzja jqassmu l-gazzetta fid-djar — li taw is-sehem tagħhom biex ħareġ dan il-għadd speċjali ta' din il-gazzetta'.

Il-Bord Editorjali.

TOP SHOP

(SALVU DEGUARA)

FI TRIQ IL-KBIRA

L-AHJAR HANUT

TAL-GROCER

F'HAL BALZAN

BEBE

L-AQWA HANUT

GHALL-HWEJJEĠ

TAT-TFAL

SOMBRERO

VICTOR

PASTIZZERIA FOR ALL OCCASIONS

SPECIALIST FOR RAVJUL DAILY,

GHAGINA, PIZZA, QASSATAT.

215, VALLEY ROAD, B'KARA

TEL. 41457

IL-KNISJA PARROKKJALI (30)

ID-DULURI

Biex nibqgħu mexjin bħad-dawra ta' l-arloġġ ma' l-artali li għandna fil-Knisja Parrokkjali, din id-darba jmiss li niktbu dwar l-artal tad-Duluri ta' Marija Ssma.

Dan l-artal, kif sejrin naraw aktar 'il quddiem, l-ewwel kien iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju, aktar tard lill-Viżitazzjoni ta' Marija lil Santa Eliżabbetta, wara lil San Ġwakkin, u dan l-aħħar lid-Duluri.

HILDA CARDONA
73, MAIN STREET, BALZAN
Ladies' Wear,
Children's Wear,
Lace.

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

TRASFERIMENT TA' L-ARTALI

Meta l-korsija tal-Knisja Parrokkjali kienet lesta, l-artali li kien hemm fil-Knisja ta' l-Annunzjata l-qadima bdew jiġu trasferiti flimkien ma' l-obbligi tagħhom lejn il-Knisja Parrokkjali l-ġdida. (1)

L-EWWEL ARTAL KIEN TAR-RUŻARJU

L-ewwel artal, qabel dan tad-Duluri, kien iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju Mqaddes. Kif ġa għedna, meta l-artali li kien hemm fil-Knisja tal-Annunzjata l-qadima bdew jiġu trasferiti, fosthom insibu li ġie trasferit l-artal tal-Madonna tar-Rużarju u tqiegħed fl-artal fejn illum hemm il-kwadru tad-Duluri. Fil-Viżta Pastorali li kien għamel l-Isqof Monsinjur Astiria, nhar is-26 ta' Settembru 1673, igħidilna li l-artal tal-Madonna tar-Rużarju ġie trasferit mill-Knisja l-qadima u li tqiegħed fuq in-naħa tax-xellug ta' min jidħol il-Knisja. (2) Dan l-artal kellu jibqa' ddedikat lill-Madonna tar-Rużarju sakemm aktar tard kellu jiġi trasferit fil-kappellun fejn insibuh illum, meta kellu jitlesta dan il-kappellun.

Issa ġara wkoll li fl-istess Viżta Pastorali tas-26 ta' Settembru 1673, il-Kjeriku Pietru Borg, li kien il-prokuratur ta' l-artal tal-Viżitazzjoni li kien fil-Knisja tal-Annunzjata l-qadima, insista ma' l-Isqof biex dan l-artal tal-Viżitazzjoni jiġi trasferit fil-Knisja Parrokkjali l-ġdida. (3)

Iżda, kif nafu mill-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Molina, li għamel nhar it-3 ta' Jannar 1679, jiġifieri sitt snin wara dik ta' l-Isqof Astiria, il-kappellun tar-Rużarju kien għadu mhux lest u għalhekk l-artal tal-Viżitazzjoni ma setax jiġi trasferit minn floku, għax l-artal tar-Rużarju kien għadu fejn kien qabel fil-korsija. (4)

Għaddew erbatax-il sena mill-Viżta ta' l-Isqof Molina u l-artal tar-Rużarju kien għadu hemm fejn kien qabel. Tant hu hekk li fir-relazzjoni tal-Viżta ta' l-Isqof David Cocco Palmieri, li għamel lil din il-Knisja Parrokkjali nhar it-18 ta' Ottubru 1692, insibu li l-artal tar-Rużarju baqa' fejn kien fil-bidu. (5)

Sitt snin wara din il-Viżta, l-istess Isqof Cocco Palmieri, nhar l-20 ta' Settembru 1699, għamel viżta oħra u din id-darba sab li l-artal tal-Madonna tar-Rużarju ġie trasferit għall-kappellun fejn narawh illum u jgħidilna li dak l-artal li qabel kien tar-Rużarju issa jinstab mingħajr kwadru. (6)

DIGRIET GHAT-TRASFERIMENTI TA' L-OBBLIGI

Id-digriet tat-trasferiment ta' l-obbligi li hemm marbutin ma' l-artal tal-Viżitazzjoni ġie ffirmat mill-Isqof David Cocco Palmieri nhar is-26 ta' Ottubru 1704. Dan id-digriet igħid li l-obbligi kollha li hemm marbutin ma' l-artal tal-Viżitazzjoni li qiegħed fil-Knisja ta' l-Annunzjata jiġu issa trasferiti għall-artal tal-Viżitazzjoni li hemm fil-Knisja Parrokkjali l-ġdida. (7)

L-ARTAL TAR-RUŻARJU JIĠI DDEDIKAT LILL-VIŻITAZZJONI

Min dak li għadna kif rajna, l-artal tal-Viżitazzjoni ġie trasferit mill-Knisja l-qadima tal-Annunzjata bejn l-1699 u l-1704.

Fir-relazzjoni ta' l-Isqof Cocco Palmieri, li ħalla dwar il-Viżta li għamel lill-Knisja Parrokkjali nhar l-20 ta' Mejju 1709, insibu li dan l-artal tal-Viżitazzjoni ta' Marija Verġni lill-qariba tagħha Santa Eliżabbetta ġie mwaqqaf minn flus il-qassis Dun Marju Bellia. Insibu wkoll li l-kwadru li fih il-Misteru tal-Viżitazzjoni għadu kemm sar ġdid, li hu mdawwar minn gwarniċ tal-ġebel, u li l-prospettiva hija mimlija kollha skultura, kif ukoll il-kolonni li hemm ħdejn il-kwadru. (8)

BAMBIN F'KAXXA NDURATA

Fil-Viżta ta' l-Isqof Alpheran DeBussan, li għamel nhar l-1 ta' Mejju 1736, insibu li fuq l-iskannell ta' l-artal hemm kaxxa ta' l-injam maħduma kollha skultura u ndurata, magħluqa bil-ħġieġ li fiha jinstab Bambin tax-xama' li hu mdawwar minn girlandi ta' fjuri tal-granutell u minn għadd ta' ornamenti oħra tad-deheb u tal-fidda. (9)

Din il-kaxxa bil-Bambin laqtet ukoll lill-Isqof Bartilmew Rull, fil-Viżta tiegħu tad-9 ta' Ottubru 1758, tant li qagħad isemmi d-dettalji kollha, u semma wkoll l-għadd ta' ġawhar u qal ukoll li fuq ras il-Bambin hemm kuruna tal-fidda. (10)


L-Artal tad-Duluri

F'Ġunju tal-1795 tħallsu żewġ skudi, sitt tari' u ħmistax-il ħabba għall-kisi minn ġewwa tal-kaxxa tal-Bambin. Dan il-kont kien għall-ħarir issatinat, għaż-żigarelli u għax-xogħol. (11)

FESTI FUQ DAN L-ARTAL

Festa tal-Viżitazzjoni

Il-festa tal-Viżitazzjoni kienet tiġi ċċelebrata bil-Primi Vespri u l-Quddiesa Kantata nhar it-2 ta' Lulju. Din il-festa sa mis-sena 1974 bdiet tiġi ċċelebrata nhar il-31 ta' Mejju. (12)

Fl-1708 din il-festa tal-Viżitazzjoni ġiet magħmula b'solennita' u ffunzjona Dun Marju Tonna. (13) Insibu li l-festa tal-1896 meta kien iżżanżan l-artal ta' l-irħam, kienet qamet kif ħallielna l-prokuratur Pietru Pawl Frendo £0.5.9.8. (14)

Festa ta' Ġesù Bambin

Fuq dan l-artal tal-Viżitazzjoni kienet issir il-festa ta' Ġesu' Bambin. Nafu li għal din il-festa fl-1778 kienu tħallsu skud, żewġ tari' u ħames ħabbiet. (15)

L-ARTAL ISIR TAR-RHAM

Fis-sena 1896, l-artal li kien tal-ġebel sar ta' l-irħam mill-marmista Marjanu Grima, li tħallas għalih nhar l-20 ta' Awissu 1896. (16)

LEGAT FUQ DAN L-ARTAL

Fit-testment tal-Kanonku Dun Ġwann Gelfo mill-Isla, li jidher fl-atti tal-15 ta' Ottubru 1803, insibu li ħalla bħala legat ġnien li qiegħed fit-tarf ta' Hal Balzan. Dan il-legat ħalla fuqu l-obbligu li kull sena fuq l-artal ta' Ġesu' Bambin (tal-Viżitazzjoni) issir Quddiesa kantata bil-ministri u b'sitt qassisin fil-Kor, li jiġu mogħtija disa' xemgħat lil dawn il-qassisin li jkunu preżenti, kif ukoll li tindaqq il-qanpiena lejlet il-quddiesa bħala sinjal. (17)

L-ARTAL JIĠI DDEDIKAT LIL SAN ĠWAKKIN

Sa ftit tas-snin ilu, dan l-artal kellu bħala kwadru titulari dak ta' San Ġwakkin. Illum dan il-kwadru jinstab imdendel fuq il-bieb li jagħti għal barra fil-kappellun tar-Rużarju. Ċertament li dan il-kwadru kien ħa l-post ta' ieħor li kien iddedikat lill-Viżitazzjoni ta' Marija Santissma. Meta ġara dan? Ma nafx ingħid. S'issa sibt li l-ewwel darba li saru l-Primi Vespri, il-Quddiesa Kantata u l-Paneġierku f'ġieh San Ġwakkin kien fid-19 u l-20 ta' Awissu 1893. Nafu li l-Għasar, il-Quddiesa Kantata u l-Paneġierku huma mħollija bħala legat tas-sur Ġwakkin Frendo. (18) Mill-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Pietru Pace, li għamel nhar it-30 ta' Settembru 1906, insibu msemmi għall-ewwel darba lil dan l-artal bħala l-artal ta' San Ġwakkin. (19) Minn dawn iż-żewġ dokumenti naraw li kien f'dak iż-żmien li dan l-artal ma baqax magħruf aktar bħala l-artal tal-

• *għal paġna 7*

SALVU BRINCAT
IRONMONGERY & ELECTRICAL GOODS
175, MAIN STREET,
BALZAN

LUCY MALLIA
GROCERY
76, BALZAN SQUARE,
BALZAN

KERAMIT
BUILDERS' AND PLUMBERS' MERCHANTS
IL-WIED BIRKIRKARA
Fejn issibu:
BANJIJIET KULURITI, FRISKATURI TAL-WIĊĊ, W.C., ŻEBGĦA TA' L-ILMA, U MADUM IKKULURIT.
4, OLD CHURCH STREET, B'KARA
Toħorġu bi prezzijiet konvenjenti
Telephone: 42336

TLIET KAPPILLANI BALZANIN

Matul il-parrokat tar-Rev. Dun Pawlu Licino Micallef (1855-1874), Hal Balzan kellu erba' saċerdoti ġodda. Dawn kienu Dun Ġwann Ebejer (1857), Dun Andrea Dingli (1863), Dun Ġwann Mifsud (1864) u Dun Anton Psaila (1871). Tlieta minn dawn is-saċerdoti, kif sejrin naraw, ġew maħtura kappillani.

Kitba ta'
Winston L. Zammit B.A. (Hons.), M.A.

DUN ĠWANN EBEJER S.TH.D Dan is-saċerdot twieled Hal Balzan nhar is-7 ta' Settembru 1834, u ġie mgħammed fl-istess jum mill-Kappillan Dun Mikiel Borg. (1) Huwa ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Awżiljarju Mons. Annetto Casolani, f'ordinazzjoni li saret fil-knisja tal-Ġiżwiti l-Belt fid-19 ta' Diċembru 1857. (2) Wara l-ordinazzjoni, Dun Ġwann kompla jistudja t-Teoloġija fl-Istudium Generale li kellhom il-patrijiet Dumnikani fil-Belt Valletta, minn fejn, fl-20 ta' Lulju 1865, ngħata d-Dottorat fit-Teoloġija. (3)

Fl-1869, l-Isqof Gaetano Pace Forno ħatru Kappillan tal-Parroċċa ta' Casal Attard, u matul il-parrokat tiegħu ħa ħsieb iġib minn barra l-istatwa ta' Santa Marija (1874). (4)

F'Awwissu tal-1876, wara konkors, ġie maħtur Kanoniku Penitenzier tal-Katidral, u ħa l-pussess tal-kononikat tiegħu fil-5 ta' Settembru. (5) Wara l-ħatra tiegħu bħala Kanonku Kapitulari, reġa' ġie joqgħod Hal Balzan, (6) iżda mbagħad mar joqgħod ir-Rabat, fejn miet fit-3 ta' Frar 1909, fl-età ta' 74 sena. (7) Huwa ġie midfun fil-Knisja Katidrali, u fuq qabru hemm lapida b'tifkira tiegħu. (8)

DUN ANDREA DINGLI D.D. Ir-Rev. Dingli twieled Hal Balzan fit-30 ta' Marzu 1840. (9) Huwa għamel l-istudji tiegħu għas-saċerdozju fis-Seminarju u fl-Università Rjali ta' Malta. Huwa ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Gejtanu Pace Forno, f'ordinazzjoni li saret fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann fid-19 ta' Diċembru 1863. (10) Sentejn wara, fil-15 ta' Awwissu 1865, huwa rċieva l-lawrija ta' Duttur fit-Teoloġija, f'ċerimonja li saret fil-Knisja tal-Ġiżwiti l-Belt. (11)

F'Ottubru tal-1875, Dun Andrea Dingli nħatar Kappillan ta' l-Isptar Ċivili (12) u baqa' f'din il-kariga sal-bidu ta' l-1887, meta ġiet maħtur Arċipriet tal-Furjana. (13)

Dun Andrea dam għal aktar minn disa' snin bħala Arċipriet tal-Furjana, u matul il-parrokat tiegħu saru diversi opri ġodda. Huwa miet f'din il-kariga nhar is-17 ta' Diċembru 1896, fl-età ta' 55 sena. L-għada fil-għodu, il-katavru ġie ttrasportat għall-Knisja Arċipretali ta' San Publiju fejn, wara li tkanta l-Uffiċċju tal-Mejtin, saret quddiesa solenni għal ruħu. Huwa ġie midfun fil-Knisja Parrokkjali ta' Hal-Balzan fl-istess qabar mal-ġenituri tiegħu. (14)

DUN ANTON PSAILA S.Th.D. Ir-Rev. Psaila twieled Hal Balzan fis-17 ta' Diċembru 1847, u ġie mgħammed l-għada mir-Rev. Dun Ġużepp Muscat, u ngħata l-ismijiet ta' Annunziato, Antonio, Valentino, Giuseppe u Giorgio. Iżda f'ħajtu dejjem kien magħruf bħala Anton. (15) Huwa għamel l-istudju tiegħu għas-saċerdozju fis-Seminarju u fl-1870, meta kien għadu suddjaknu, ingħata l-lawrija ta' Duttur fit-Teoloġija, f'ċerimonja li saret fil-Knisja Katidrali fit-30 ta' Ġunju. (16) Sena wara, huwa ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Pace Forno f'ordinazzjoni li saret fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fit-23 ta' Diċembru 1871. (17)

Fl-1880 l-Isqof Scicluna ħatru Kappillan taż-Żejtun u ħa l-pussess ta' din il-Parroċċa fil-31 t'Awwissu 1880. (18) Matul il-parrokat tiegħu, l-imsemmija parroċċa ġiet imgħollija għad-dinjità ta' Parroċċa Arċipretali b'bolla tal-Papa Leone XIII tat-30 ta' Jannar 1889, u b'hekk Dun Anton sar l-ewwel Arċipriet taż-Żejtun. (19)

Fil-11 ta' Jannar 1897, Dun Anton inħatar Kanonku tal-Katidral. (20) Wara l-ħatra tiegħu bħala Kanonku Kapitulari, Dun Anton mar joqgħod ir-Rabat, fejn miet fid-9 ta' Lulju 1920. (21) Huwa ġie midfun fil-Knisja Katidrali, fil-qabar li hejja huwa stess. Fuq dan il-qabar hemm lapida b'tifkira tiegħu. (22)

RIFERENZI

(1) A (rkivju) P(arrokkjali) B(alzan) Reġistru tal-Magħmudijiet Nru. 3, p. 266.
(2) A(rkivju) K(atidral) M(dina). R(egistrum) O(rdinandorum) 17 (1857-1874).
(3) A. Vella "The University of St. Maria Portus Salutis" in 'Journal of the Faculty of Arts'. Vol. II, No. 2, p.177.
(4) C. Mallia "H'Attard, 400 Sena Parroċċa" (Malta 1975) pp.11,12.
(5) "Corriere Mercantile Maltese", 24-VIII-1876; "L'Ordine", 14-IX-1876.
(6) C. Mallia, op.cit. p.12.
(7) A(rkivju) P(arrokkjali) R(abat). Reġistru tal-Mejtin Nru. 2, p.354.
(8) Ibid.
(9) APB Reġistru tal-Magħmudijiet.
(10) AKM R.O. 17 (1857-1874) f.34r.
(11) "L'Ordine", 11-VIII-1865.
(12) Ibid. 14-X-1875.
(13) "Il Portafoglio Maltese' 24-I-1887.
(14) "Il Risorgimento", 18-XII-1896.
(15) APB Reġistru tal-Magħmudijiet Nru. 4 p.28. E.B. Vella, fil-ktieb tiegħu 'Storja taż-Żejtun u Marsaxlokk" (Malta 1927) pp. 146-147, igħid li Dun Anton Psaila huwa Karkariż, iżda mit-tiftix li għamilna jidher biċ-ċar li kien Balzani.
(16) "L'Ordine", 7-VII-1870.
(17) AKM R.O. 17 (1857-1874) f.71r.
(18) E.B. Vella, op. cit. pp.146-147.
(19) Ibid.
(20) Ibid.
(21) APR Reġistru tal-Mejtin, Nru. 3, p.280.
(22) Ibid.

Nota Editorjali

Ngħarfu lill-qarrejja li minħabba nuqqas ta' spazju, il-kitbiet regolari tagħna — "X'Ġara Fost-na", "Matul is-snin", "Mill-uffiċċju Parrokkjali" — kellhom jitħallew għal ħarġa oħra. F'ħarġa oħra jidhru wkoll aktar ittri lill-Editur.

Il-Bord Editorjali.

IR-RAHAL LI NHOBB

Fih it-togħma tal-larinġ
u r-riħa tal-ward u l-fjur.

Fih il-wens mill-irjieħ xitwin
u t-toroq tiegħu jdelluk
mill-qilla tax-xemx sajfija.

Fi djaru jgħammru wliedu ġwejdin
fis-sempliċità tal-imħabbiet tagħhom.

Hdejn djar għonja w kbar hemm dawk iżgħar
li jwennsu l-kaċċaturi u n-nassaba.

Fil-każini tal-misraħ, ir-raħħala
jtaqtqu dwar il-pulitka u l-passa
jew l-aħħar logħba tal-ballun.

Fuq il-bank tax-xorb u fuq l-imwejjed
Jitħalltu l-pinet tal-inbid u l-buqari tal-birra.

Mart ir-raħħal kmieni tiġbor 'l uliedha
fid-dar wara d-duttrina.

Il-figura sewda tal-qassis tgħaddi tħaffef
lejn il-marid u l-moribond.

Fuq il-ħajt tas-sejjieħ jew fil-ġnien fil-qrib
il-ġuvni jrodd bewsa lil dik li jħobb.

Fit-tarf tar-raħal ix-xemx qiegħda tmut
biex l-għada tirxoxta u tbajjad kullimkien bid-dija.

U jien ħabbejtu għax rajt fih il-għanja Maltija
li welldet f'qalbi dil-poeżija.

26/3/78

Carmel Attard.

Hal Balzan

MUSCAT FLORA
POPE ALEXANDER JUNCTION
BALZAN TEL. 42479

Din id-Ditta hija Fergħa tal-
GIARDINO ALLEGRA ta' Catania

MUSCAT FLORA PET SHOPS
18, TRIQ BRITANNIA, VALLETTA
Telephone: 27512

Infornukom bi kwalunkwe pjanti u siġar ornamentali, basal u żrieragħ tal-fjuri u tal-ħxejjex, demel artifiċjali, terriċċju, insettiċidi, pompi u b'kulma huwa meħtieġ għall-ġonna u l-qsari, saħansitra kotba ta' tagħlim fuq il-ġonna u l-Pets tagħkom.



FALZON SERVICE STATION
53, NAXXAR ROAD, B'KARA
TEL. 42763

★ SONNENSCHEIN BATTERIES
★ VREDESTEIN TYRES
★ MALTA RADIATORS
★ WINTRICH FIRE EXTINGUISHERS
★ SERVICING & WHEEL BALANCING

TUDOR RENT-A-CAR
Telephone: 42763

MUNDLOS-Vigorelli

L-AKTAR MAKNA TAL-HJATA AVVANZATA F'DIN ID-DINJA MODERNA

Barra l-pont tas-soltu din il-marka tagħmel ukoll:
- AĠĠORN SINGLU U DOPPJU
- VARJETA' TA' FANCY STITCHES SA 17mm WIESGħA
- TISWIJA BIL-MILI AWTOMATIKA
- IRFINAR PERFETT ANKE FUQ IS-SUF
- KULL DAQS TA' AĊĊETTI
- TWAHHIL TA' BUTTUNI
- ZIG-ZAG + REFKI
- XOGHOL FUQ IL-LAZZ

Ara dawn il-makni meraviljużi għand:
MUNDLOS SEWING CENTRE
114, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA

APPREZZAMENT

MONS. FRANCESCO SAVERIO ZAHRA

(1888-1978)

Nhar is-Sibt, 13 ta' Mejju 1978, għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħodu, il-qniepen tal-parroċċa tagħna bid-daqq imnikket tagħhom ħabbru l-mewt ta' Mons. Francesco Saverio Zahra, ex-kappillan tal-parroċċa tagħna, fl-età venerabbli ta' disgħin sena. Hekk il-figura ta' Mons. Zahra, li għex fostna l-Balzanin għal ħamsa u ħamsin sena, għabet mix-xena ta' din id-dinja biex tingħaqad mal-Ħallieq tagħha li għalih Mons. Zahra tant ħadem fil-ħajja tiegħu saċerdotali.

Mons. Zahra twieled fil-Ħamrun, minn Filippu u Maria Anna Bonanno, fl-24 ta' Jannar 1888. Fi ċkunitu ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja tal-Ħamrun minn fejn imbagħad, billi ġa kienet tnisslet fih il-vokazzjoni għassaċerdozju, huwa kompla l-istudju tiegħu fis-Seminarju Arċiveskovili. Wara bosta snin ta' studju huwa tela' fuq l-altar għall-ewwel darba sabiex joffri s-sagrifiċċju tal-quddiesa f'Diċembru 1912 fil-knisja parrokkjali tal-Ħamrun, imdawwar mill-familjari tiegħu, qrabatu u ħbiebu. Minn din is-sena 'l hawn, lil Dun F.S. Zahra nsibuh jaħdem fil-qasam tal-Mulej. Għalhekk insibuh bħala sagristan maġġur fil-knisja parrokkjali ta' raħal twelidu. Wara xi snin ta' ħidma saċerdotali fil-parroċċa tal-Ħamrun, ġie nominat viċi-parroku tal-knisja ta' San Bastjan Martri ta' Ħal Qormi meta din kienet għadha viċi-parroċċa tal-parroċċa l-kbira ta' San Ġorġ. Kien l-ewwel viċi li ħareġ mill-parroċċa tal-Ħamrun. Dam bħala viċi-parroku ta' din il-parroċċa għal tliet snin sħaħ sa meta ġie nominat kappillan bil-mewt ta' Dun Amabile Sisner minn Bormla, il-kappillan ta' qabel, li miet f'Ġunju 1923.

Kien il-Ħadd 19 t' Awwissu ta' l-istess sena meta Dun Francesco Saverio Zahra daħal fil-parroċċa tagħna fost il-ferħ u l-entużjażmu tal-Balzanin sabiex jieħu pussess tagħha minn Monsinjur Dun Mauro Caruana, Isqof ta' Malta. Il-Balzanin laqgħu lill-kappillan il-ġdid b'festi xierqa għal ġrajja bħal din. Billi l-mewt tal-kappillan ta' qablu ġrat fil-jum proprju li fih il-parroċċa kienet qed tiċċelebra l-festa ta' San Valentinu Martri u kien tħassar kollox, allura dak kollu li kien ippreparat għal din il-festa kien tħalla għal jum il-pussess tal-kappillan il-ġdid. Dun F.S. Zahra dam jamministra l-parroċċa tagħna sa meta ġie nominat monsinjur tal-knisja kattidrali Metropolitana ta' Malta f'Novembru 1949.

Il-ħidma tiegħu bħala Kappillan tal-parroċċa tagħna kienet ftit u xejn diffiċli fl-istat li fih kienet il-parroċċa. Irrid ingħid li meta sar kappillan fil-parroċċa kellu biss saċerdot wieħed biex igħinu fil-ħidma spiritwali tal-parruċċani tiegħu. Biss il-kappillan Zahra ma qatax qalbu u ħadem u stinka bla heda għall-ġid spiritwali u materjali tal-Balzanin. Kien xogħol li kien jitlob mill-kappillan sagrifiċċji kbar, imma għall-ġid ta' l-erwieħ fdati lilu, il-Kappillan Zahra qatt ma stmerr dawn is-sagrifiċċji u wettaq ħidmietu b'kuraġġ u għaqal kbir. F'Ġunju 1940, meta faqqgħet il-gwerra, il-ħidma tal-Kappillan Zahra kellha tiżdied ferm u ferm aktar billi l-popolazzjoni ta' Ħal Balzan saret sitt darbiet dak li kienet qabel, minħabba l-fatt li għadd kbir ta' refuġjati sabu l-kenn tagħhom fir-raħal tagħna. Fost dawn ir-refugjati nsibu għadd sabiħ ta' saċerdoti li fihom il-Kappillan Zahra sab għajnuna kbira fil-ħidma spiritwali tal-parroċċa.

Bħala monsinjur qatt ma ħalla l-parroċċa tagħna u baqa' jaħdem għall-ġid spiritwali tal-poplu Balzani. Kienet l-għaxqa tiegħu meta kien ikun fil-kunfissjunarju biex jisma' l-miżerji tad-dgħajfin u jħabbibhom m'Alla l-Imbierek. Jew inkella kont tarah għaddej mit-toroq biex imur iqarar lil xi wieħed jew waħda li ma kenux jistgħu jmorru jsibuh fil-knisja.

Jekk il-Kappillan Zahra ħadem ħafna fil-qasam spiritwali tal-parroċċa tagħna, ħidmitu fil-kamp materjali ma kienet xejn anqas kif jixhdu bosta opri li bihom żejjen id-dar t'Alla. Hekk kif sar kappillan sab li kien hawn kumitat tal-qniepen. Biex aktar iħaffef dan il-ġbir għall-qniepen il-ġodda, il-kappillan Zahra kien offra lil dal-kumitat is-siġġijiet tal-knisja u b'hekk għen ħafna biex jinġabru l-flus u l-qniepen ġodda jkunu jistgħu jsiru fi żmien aktar qasir. Kien ilu sentejn biss kappillan ta' din il-parroċċa meta fid-19 ta' Marzu 1925 sar it-tberik ta' das-sett qniepen ġodda mill-Isqof Mons. Mauro Caruana. Wara dan kien beda jiġbor biex ikompli l-pittura tal-knisja, iżda wara ftit tbiddlet l-idea u bil-flus li nġabru l-kappillan Zahra rrestawra l-istatwa ta' Marija Annunzjata. Ftit snin wara l-kappillan Zahra ġabar għall-bankun sabiħ li għandna llum u għamel ħafna rqaqat li ma nistgħux insemmuhom wieħed wieħed.

Tliet opri tassew ebsin u li kienu jirrekjedu somom kbar ta' flus kienu l-paviment tar-rħam tal-knisja, il-qanpiena l-kbira u ċ-ċimiterju li għandna fil-parroċċa tagħna. Il-paviment tal-knisja ma kellux ixxorti li jlestih tul il-kariga tiegħu bħala kappillan, imħabba xi diffikultajiet li nqalgħu dwar id-disinn. Il-qanpiena l-kbira ġabarha u għamilha fi żmien qasir ferm u kienet l-aħħar opra kolossali tiegħu. Daħlet Malta f'Novembru 1948, u telgħet f'postha nhar il-Ħadd, 2 ta' Jannar 1949. F'Novembru ta' l-istess sena l-kappillan Zahra ġie nominat monsinjur. Jekk dawn l-aħħar żewġ opri li semmejt għollew l-isem ta' Mons. Zahra bħala kappillan tar-raħal tagħna, aktar u aktar iżid ġiehu ċ-ċimiterju "Sanctae Crucis" li għamel bil-għaqal u d-dehen ta' moħħu mingħajr ma nteressa lill-Balzanin biex jidħlu għall-ispejjeż tiegħu. L-ispejjeż għal daċ-ċimiterju ġabarhom kollha fi żmien il-gwerra. Iċ-ċimiterju tlesta biex jintuża u tbierek fl-24 ta' Novembru 1946.

Din kienet il-ħidma ta' Mons. F.S. Zahra bħala kappillan tal-parroċċa tagħna. Nittamaw li Alla l-Imbierek ġa tah il-premju li jistħoqqlu. Il-figura xipli tiegħu ma nistgħux narawha aktar, iżda l-memorja tiegħu tibqa' magħna għal dejjem għax dak li ħalla warajh fil-parroċċa tagħna jibqa' magħna ta' kull jum. Dan ifakkarna kemm ħadem għalina u fid-dmir li għandna li nkunu grati lejh billi niftakru fih fit-talb tagħna.

GĦAL DEJJEM IMBIERKA

Ilqagħha Madonna
Ta' qalbna t-tislima,
Ta' lsienna t-tifħira:
Għal dejjem imbierka.

F'kull waqt ta' ħajjitna,
fil-ferħ u fid-dieqa,
Ħallina ngħidulek:
Għal dejjem imbierka.

Fil-kwiet ta' kamartek,
Mis-sema ġie l-Anġlu,
U lissen kliem ħlejju:
Għal dejjem imbierka.

Int dlonk baxxejt rasek:
"Hawn jien il-qaddejja
Ta' Alla s-Setgħani";
Għal dejjem imbierka

Nissilt ġewwa ħdanek
U bqajt Verġni w Xebba,
Għalhekk insejħulek:
Għal dejjem imbierka.

Fis-sema l-arkanġli,
Fid-dinja l-bnedmin,
Kulħadd b'leħen wieħed:
Għal dejjem imbierka.

U aħna uliedek,
F'tal-festa t-tifkira,
Inħollu ilsienna:
Għal dejjem imbierka.

Quddiem Ġesù Ibnek,
Int idħol għalina,
Wassalna lkoll għandek:
Għal dejjem imbierka.

ROSA FARRUGIA

EL GRECO STUDIO
6, POPE URBANUS VIII STREET,
BALZAN
Għal pitturi mill-isbaħ fuq it-tila, veduti,
uċuħ, u xeni ta' Malta.
Naħdmu wkoll 'frames' ta' kull daqs.

ID-DITTA
FARRUGIA ENTERPRISES
103, NAXXAR ROAD, BALZAN
Qiegħda toffri SKONT SPEĊJALI għal waqt it-TRADE FAIR fuq LINEF, BRAZZI, FANALI, STATWI, MINJATURI, INKWADRI, MIRJA, MOBBLI, u SALOTTI TA' BARRA, eċċ.
Għalhekk ipprofitta ruħek minn din l-okkażjoni u asal wasla sa:
STAND NUMRU E.53B
jew sal-ħwienet tagħhom.

SKARPOLI
Għal kull xorta ta' tiswijiet ta' żraben
IRRIKORRU GĦAND SKARPOLI
TA' TRIQ IL-KBIRA, ĦAL BALZAN
Minn għandu tieħu xogħol tajjeb. Jibdel platforms u supratakki u jagħmel uċuħ ġodda tal-krakar.
Ħinijiet:
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-5.30 p.m. sas-7.00 p.m.
Is-Sibt mit-8.30 a.m. sa nofs inhar.

LIL ĦBIEBKOM LI JIĠU MINN BARRA
GĦAL XI VAGANZA
IRRAKKOMANDAWLHOM
MOLLY'S GUEST HOUSE
FIRST CLASS
BED & BREAKFAST
72, BALZAN VALLEY,
BALZAN — MALTA
Telephone: 41296

Ittri lill-Editur

IL-FUTBOL

F'ĦAL BALZAN

Sur Editur,

Nixtieq permezz tal-gazzetta tiegħek Ħal Balzan' nifraħ lit-team tal-'minors' tal-'Balzan Youths' talli għat-tieni sena konsekuttiva rebħu s-section. Dan juri li t-team għandu 'players' li jistgħu jipprometu. Kuntrarju għal dan, fl-istess snin, it-team tal-IV division kellu ċans ukoll li jieħu s-section, imma dan dejjem falla għal ftit.

Nixtieq nistaqsi x'hemm ħażin:

1. Nuqqas ta' serjetà mill-membri tal-kumitat?
2. Mill-players?
3. Mill-coach?
4. Mis-support?
5. Mill-ground?

Għalhekk nixtieq li nagħmel appell lil dawk li għandhom għal qalbhom it-team tal-football ġewwa r-raħal biex jipproponu nies serji u kapaċi għall-kumitat u li jaħdmu bis-serjetà.

Għandu jsir minn kollox biex jitlesta l-ground ħalli jkollna fejn nittrenjaw bis-serjeta', ħaġa li għandna bżonn ħafna.

Fl-aħħar nett nixtieq li dawk il-players u anke supporters li jistgħu jagħtu l-għajnuna tagħhom għandhom jingħaqdu flimkien biex jagħmlu sforz kolletiv ħalli t-team jitla' f'post aħjar li jkun jixraq lil Ħal Balzan u jagħmel unur lilna.

FOOTBALL

ID-DULURI

• *minn paġna 4*

Viżitazzjoni. Biss, meta l-kwadretti li kien hemm darba madwar il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju, li kienu jirrappreżentaw il-Misteri tar-Rużarju Mqaddes, kif jekk Alla jagħtina l-għomor għad naraw, il-kwadrett li jirrappreżenta l-Viżitazzjoni tal-Madonna ġie mkabbar ftit u tqiegħed fil-prospettiva fuq il-kwadru ta' San Ġwakkin. Dan il-kwadrett għadu hemm sa llum.

L-ARTAL TA' S. ĠWAKKIN JIĠI DDEDIKAT LID-DULURI

Il-Kappillan preżenti, il-Kanonku Dun Karm Sciberras, li ħa l-pussess nhar it-12 ta' Diċembru 1954, wara xi erba' snin beda biex jaħseb ħalli jwaqqaf f'din il-parroċċa l-fratellanza tad-Duluri. Issa peress li kull fratellanza għandu jkollha artal, sab li l-aktar wieħed adatt kien dak ta' San Ġwakkin. Issa, kif nafu tajjeb, il-qaddis San Ġwakkin diġa' kienet tinstab ix-xbiha tiegħu fil-kwadru ta' Sant'Anna, għalhekk l-awtoritajiet tal-Knisja ma sabux oġġezzjoni li l-artal ta' S. Ġwakkin jiġi ddedikat lid-Duluri u li l-obbligi li kellu dan l-artal igħaddu għal fuq l-artal ta' Sant' Anna. Dwar it-twaqqif tal-fratellanza tad-Duluri niktbu aktar tard, meta nitħaddtu mill-Fratellanzi li għandna fil-Parroċċa.

Bħala benefattur kbir li l-Kappillan sab biex isir il-kwadru ta' dan l-artal u għall-armar tiegħu, kif ukoll għat-twaqqif tal-fratellanza, kien il-Konti Bernardo Manduca. (20)

Il-kwadru tad-Duluri ġie ordnat għand il-mogħruf pittur il-Kav. Emvin Cremona, u ġie mbierek mill-Kappillan Kan. Sciberras nhar it-22 ta' Marzu 1959.

Għall-festa titulari ta' Marija Annunzjata, nhar it-13 ta' Lulju 1975, l-artal tad-Duluri kien juri dehra rikka u sabiħa peress li l-prospettiva tiegħu kienet għadha kemm ġiet stukkjata, miżbugħa u ndurata. Ix-xogħol ta' l-induratura sar minn Manwel Farrugia ta' l-Imdina u x-xogħol l-ieħor sar minn Valent Chetcuti. Il-benefattriċi li ħallset għall-ispejjeż tax-xogħol fuq din il-prospettiva kienet is-sinjorina Carmela Micallef. (21)

IZ-ZEWĠ STATWI ŻGĦAR

Biex dan l-artal tad-Duluri seta' jiġi jaqbel ma' l-artali l-oħra tal-korsija, qabel ma jiġi ndurat kien hemm bżonn li jitneħħew iż-żewġ niċeċ żgħar li kien hemm mal-ġenb tal-prospettiva. Għalhekk ftit taż-żmien qabel ma beda x-xogħol fuq dan l-artal, tneħħew iż-żewġ statwi żgħar: dik ta' Ġesu' Bambin bid-dinja f'idejh u l-oħra tad-Duluri, u n-niċeċ ġew magħluqa bil-ġebel, u tkompliet fuqhom l-iskultura biex taqbel mal-ġenb tal-prospettiva. Illum dawn iż-żewġ statwi qed jistennew posthom fil-Mużew Parrokkjali.

REFERENZI:

1. "HAL BALZAN" Nru. 17 p.1.
2. ASTIRIA I.: Visit. Past. fol. 26 p.356
3. Ibid. Cit.
4. MOLINA M.H.: Visit. Past. fol. 114
5. COCCO PALMIERI D.: Visit. Past. fol. 281
6. COCCO PALMIERI D.: Visit. Past. fol. 251
7. ALPHERAN DE BUSSAN P.: Visit. Past. p. 323
8. COCCO PALMIERI D.: Visit. fol. 14
9. ALPHERAN DE BUSSAN.: Visit. Past. fol. 330
10. RULL B.: Visit. Past. Vol II p. 1
11. ARKIV. PARR.: Lib. 4.
12. ORDO Div. Uff. Rec. — 1974 p. 44
13 ARKIV. PARR.: Lib. 11
14. ,, ,, Lib. 37 p. 18
15. ,, ,, Lib. 4
16. ,, ,, Lib. 37 p. 88
17. ,, ,, Lib. 10
18. ,, ,, Lib. 52 p 69
19. PACE P.: "Visit. Past. fol 58
20. MUSCAT V.: "HAL BALZAN" Nru. 21 p. 4
21. "HAL BALZAN" Nru. 24 p.7

ROKNA GHAT-TFAL

Tfal. għeżież,

Jidhirli li tkun ħaġa sabiħa li ngħidilkom kelmtejn dwar it-Tridu tal-festa, issa li l-Lunzjata hi ferm qrib tagħna.

Bi Tridu tal-festa nifhmu dawk it-tlitt ijiem li fihom il-Knisja tipprepara sewwa lill-fidili ħalli jifhmu aħjar x'titlob il-Knisja minnhom f'din il-ġurnata tant għażiża għalihom.

Għall-grazzja t'Alla, it-Tridu f'Ħal Balzan isir solenni ħafna u s-saċerdot fil-quddiesa jagħmel kelmtejn ħlief li bihom juri kemm Alla mar iżejjen b'virtujijiet kbar lil Marija, Hu li mar jagħżilha biex tkun l-Omm tal-Iben Tiegħu.

Fir-raħal tagħna, it-tfal għandhom grazzja kbira li f'dawn it-tlitt ijiem tat-Tridu jsibu minn jiġborhom flimkien biex, fil-waqt li jisimgħu l-quddies u jitqarbnu, jisimgħu wkoll kelmtejn fuq il-Madonna.


Tieħu pjaċir b'xi tfal tassew edukati u devoti li fit-tlitt ijiem tat-Tridu jidħlu l-knisja ftit qabel mis-soltu, jippruvaw isibu siġġu minn ta' quddiem biex igawdu sewwa l-funzjoni u jibqgħu hemm sakemm jispiċċa kollox.

Fil-festa tar-raħal il-baned, l-isparar u l-murtali huma ħwejjeġ sbieħ, iżda l-funzjonijiet li jsiru fil-knisja huma isbaħ minnhom u jħallu aktar ġid fina.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Għall-kompetizzjoni ta' din id-darba ħsibna li nerġgħu nagħmlulkom it-tisliba tas-soltu. Billi din hi l-ħarġa speċjali tal-festa, il-kelma li tridu ssibu għandha x'taqsam ma' l-Annunzjata. Mela wara li tkunu mlejtu l-kliem kollu, min-numru wieħed san-numru tmienja, il-kelma li ssibu fil-kaxxi mmarkati bl-iswed skur tkun ta' l—— Gabriel li ħabbar lil Marija.



1. **Strument mużikali magħmul mill-injam.**
2. **Ġurnata, ġurnata, ġurnata.**
3. **Ġagħlu lil min jibki.**
4. **Mar il-knisja u.....**
5. **Biha taqbad il-ħut.**
6. **Ma baqax ġewwa.**
7. **Għasfur li jbejjet f'Malta.**
8. **Waħda mill-parroċċi tal-Belt Valletta (3, 7).**

Bħas-soltu, ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda "San Gabriel" jew impustawh intom stess fil-letter-box ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 22 ta' Lulju, 1978.

Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni li dehret fil-ħarġa ta' Mejju-Ġunju, 1978, kien Marjoe Cassar, li joqgħod "Villa Josephine" N/S in Old Railway Road, Ħal Balzan.

Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

SALE... SALE... SALE...

PARISON

700, HIGH STREET, HAMRUN

OKKAŻJONI MHUX TA' MIN JITLIFHA!

Ložor kbar	80 x 96	minn	£M4.25	għal	£M3.75
	80 x 100	,,	£M5.50	,,	£M4.75
Tal-wieħed u nofs	70 x 91	,,	£M3.25	,,	£M3.00
Ložor tal-għamara					
Fjuriti bl-investa	80 x 100	,,	£M7.00	,,	£M6.00
Terylene abjad wisa'	48″	minn	55	għal	40
Terylene abjad wisa'	60″	,,	65	,,	50
Terylene fjurit wisa'	60″	,,	90	,,	80
Terylene abjad bil-frill wisa'	60″	,,	75	,,	60
Kreton wisa' doppju		minn	90	għal	60
(taħt u fuq xorta)					
Drapp lixx oħxon wisa' doppju		,,	£M1.00	,,	80
Regency 'striped' wisa' doppju		,,	£M1.60	,,	£M1.30
Goblen wisa' doppju		,,	£M1.75	,,	£M1.45
Tapizzerija wisa' doppju		,,	£M2.50	,,	£M1.75
Damask wisa' doppju		,,	£M1.60	,,	£M1.30
Dralon (bellus) doppju		,,	£M3.75	,,	£M3.00

Tel: 27869

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA

PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMĦADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OĦRA TAL-FOAM

Irrikorru:

VITAFOAM MALTA LIMITED

INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76

BORG CARDONA & CO. LTD.

TRIQ DR. ZAMMIT, BALZAN

Telephone: 42698

GHAL KULL MA TEHTIEĠU
GHALL-ANNIMALI U
L-ĠONNA TAGHKOM.

TIZJIN GDID MILL-KAZIN 'SAN GABRIEL'

— INTERVISTA MAS-SUR VALENTINO MUSCAT —

1. Sur Muscat, għandkom xi ħaġa ġdida għall-festa ta' din is-sena?

It-tweġiba tiegħi hi fl-affermattiv. Din il-ħaġa tant indrat mid-dilettanti tal-każin tagħna li issa ilna sejrin f'din il-ħajja mill-festi ċentinarji li għamilna fl-1969. Bit-tħabrik tan-nies attivi li għandna fil-każin, din is-sena se jiżżanżnu sett ta' sbatax-il brazz għad-dawl elettriku tal-piramidi tat-Triq id-Dritta, sett ta' wieħed u għoxrin gastra, li sbatax minnhom huma għall-istess brazzi u l-erbgħa l-oħra għall-erba' brazzi li jintramaw fi Triq San Valentinu u Triq Sisner. Dawn il-brazzi ġew ukoll irranġati. U fl-aħħar nett, sett ta' għaxar pavaljuni għal Triq Santa Marija.

2. X'fettlilkom tagħmlu dawn il-brazzi ġodda meta kellna oħrajn, u għaliex għamiltu sett ieħor ta' pavaljuni?

Kien ilu jiġri l-ħsieb li jsir xi ħaġa ġdida għall-kolonni u din is-sena ħlomna li nagħmlu sett brazzi ġodda, u billi dawn jitolbu xi ħaġa oħra, saru wkoll xi gastri għalihom. Hawn irrid nagħmilha ċara li b'dawn il-brazzi li se nżanżnu la kellna u-lanqas għandna l-ħsieb li noffendu s-sentimenti ta' min għamel il-brazzi ta' qabel, li kien l-iskultur u ċeramista Balzani, is-Sur Gabriel Caruana. Lis-Sur Gabriel Caruana nirringrazzjawh ta' dawk il-brazzi oriġinali li kien għamel u li qdew dmirhom għal bosta snin. Għal dak li hu s-sett ta' għaxar pavaljuni għal Triq Santa Marija, irrid ngħid li sa issa din it-triq kienet miżera fit-tiżjin fejn iż-żewġ toroq l-oħra li nieħdu ħsiebhom aħna u dehrilna li minn fejn tgħaddi l-vara kien jixraq li jkollna ftit armar aħjar. Għalhekk ħriġna b'das-sett ta' għaxar pavaljuni.

3. Tista' tagħtina xi ħjiel dwar dan it-tiżjin ġdid?

Dawn il-brazzi huma għamla ta' siġar bil-weraq u fjuri. Fihom tmien werqat u tmien fjuriet kull wieħed. Il-weraq tagħhom jixbah ħafna lill-weraq tal-filodendru. Iż-żeba' tagħhom, kif ukoll tal-gastra ta' taħthom, hija ta' kulur bronżin. U l-lampi li hemm fil-fjuri huma kollha ta' kulur isfar biex ikompli jagħti ħajja liż-żeba' li fihom. L-għaxar pavaljuni li għandna għal Triq Santa Marija huma ta' kulur abjad u mdawrin b'bordura ta' kulur differenti. Ħamsa minnhom għandhom bordura blu filwaqt li l-ħamsa l-oħra huma ta' kulur aħmar. Il-fond tagħhom fih salib magħmul minn tliet kwadri u ieħor itwal minnhom u żewġ imqaret wieħed fuq kull naħa tas-salib. Il-pendenti fihom kwadru. Il-blù fihom disinji blu u l-ħomor disinji ħomor. Hawn nixtieq ngħid li minħabba l-pressjoni tax-xogħol lik elli ma lħaqtx inlesti l-ornamenti kollha tagħhom.

4. Kemm ilu sejjer ix-xogħol ta' dan it-tiżjin ġdid?

Nibda biex ngħid li l-ewwel sar ix-xogħol tal-gastri u l-brazzi. Dawn għalkemm kien fihom bosta u bosta xogħol, però għax-xogħol li fihom saru tista' tgħid fi żmien qasir ħafna. Ix-xogħol tagħhom beda fil-bidu tas-sena l-ġdida u kienu lesti minn kollox, jiġifieri miżbugħin u lesti bid-dawl, għall-ħabta tat-tieni ġimgħa ta' Mejju.

Il-pavaljuni ta' Triq Santa Marija bdejthom għall-aħħar ta' Diċembru u billi dax-xogħol kelli nagħmlu kollu waħdi, l-ewwel infassalhom, ngħaqqadhom u nagħtihom lesti kemm iħituhom, ħaduli ħafna żmien. Imma, kif igħid il-qawl Malti, "bil-qatra l-qatra timtela l-ġarra". Hekk naqra naqra kull fil-għaxija rnexxieli nlesti dawn l-għaxar pavaljuni.

5. Tista' tgħid min daħal għal dat-tiżjin ġdid?

Meta ttieħdet id-deċiżjoni li jsiru l-gastri u l-brazzi, is-Sur Freddie Muscat għamel id-disinn tagħhom għall-approvazzjoni. Wara dan inxtara l-materjal, jiġifieri ż-żingu, u bdew jitfasslu l-biċċiet tagħhom. Dawn kollha kellhom l-ewwel jitpinġew fuq iż-żingu u wara li jinqatgħu jagħtuhom il-forma meħtieġa. Dan ix-xogħol sar minn dawn is-sinjuri: Freddie Muscat, Joseph Calleja, Bennie Pace, Kalċidon Micallef u Carmelo Micallef. Ix-xogħol ta' l-iwweldjar għamluh is-sinjuri Bennie Pace u Joseph Calleja. Għax-xogħol tal-kumnikazzjoni tad-dawl kien hemm is-Sur Lino Borg, li kull sena jieħu ħsieb id-dawl kollu li jsir fil-parti tagħna, inkluża wkoll il-knisja. Għal dik li hi ż-żeba' tagħhom daħlu dawn is-sinjuri: Charlie Gatt, Victor Gauci, u Dominic Muscat. Dawn il-brazzi u l-gastri ġew sprejjati, u nista' ngħid li diż-żeba' swiet somma sabiħa ta' flus.

Imiss issa li ngħid xi ħaġa dwar il-pavaljuni l-ġodda. Id-disinn tagħhom kont ili li għamiltu billi dawn kelli nagħmilhom is-sena li għaddiet u kont ġa xtrajt id-drapp għalihom, iżda billi s-sena l-oħra kont qed nagħmel il-bandalori tat-trufej, ma kellix żmien li nibda dawn il-pavaljuni. Din is-sena bdejt naħdem fihom kif għidt aktar 'il quddiem. Bil-għajnuna ta' dawn is-sinjuri: Ġuża Borg, Grace Micallef u Lola Calleja, li għamlu l-ħjata tagħhom irnexxieli li nkun nista' narmahom, għalkemm mhux kompluti għal kollox.

6. Tista' tgħidilna kif ġew il-fondi biex tagħmlu dan it-tiżjin ġdid?

Nista' ngħid li ġbir għas-sett tal-gastri u s-sett tal-brazzi ma sar xejn. Għalhekk il-fondi ġew bil-għaqal tal-kumitat tal-każin tagħna li organizza xi attivitajiet fil-każin stess. Kien hemm xi nies li meta rawhom lesti tawna xi donazzjoni. Lil dawn is-sinjuri nirringrazzjawhom minn qalbna.

Biċċa mill-fondi għall-pavaljuni ġew mill-ġbir li sar fi Triq Santa Marija s-sena ta' qabel. Kienu nġabru fuq il-ħamsin lira. Din is-somma ma kinetx biżżejjed. Il-kumplament tal-flus għalihom ġew mill-attivitajiet li saru fil-każin. Lil dawk kollha li joqogħdu fit-triq minn fejn inġabru l-flus għal dawn il-pavaljuni nirringrazzjawhom ukoll minn qalbna.

7. Kif taħseb li jilqgħuh il-Balzanin dan it-tiżjin ġdid?

Din hi domanda li biex tirrispondiha trid tifhem lill-Balzanin kollha. Ma ninsewx li mitt bniedem mitt fehma. Kull ma nista' ngħid hu li kull ma għamilna ġdid fis-snin l-imgħoddija, minn fomm il-maġġoranza dejjem ħareġ kliem ta' tifħir u dejjem apprezzaw is-sagrifiċċji li l-membri dilettanti tal-festa jagħmlu biex il-festa tagħna tmur dejjem 'il quddiem.

Is-sett tal-pavaljuni l-ġodda sa issa għadu ma rahx il-pubbliku. Rawhom biss il-membri li jiffrekwentaw il-każin ta' spiss. Lil dawn għoġbuhom, biss fuq dawn ma noqgħodx billi dawn aktarx influwenzati mill-amor proprju li għandhom għall-każin. Għalhekk ikollna nistennew li tasal il-festa biex il-pubbliku in ġenerali jagħti l-verdett tiegħu. Nispiċċa billi nirringrazzja lil kull min għen, sew finanzjarjament kemm fix-xogħol, biex stajna nagħmlu dan it-tiżjin ġdid, li jkompli jsebbaħ it-toroq fil-festa tagħna u nittamaw li Sidtna Marija Annunzjata tkun tafhulhom ilkoll.



JOSEPH BARTOLO

100, VALLEY ROAD, BALZAN

Dealers in: Fresh Flowers and Plants; Suppliers to Messes, Hotels, Clubs, English and Foreign and Private Families. Orders for: Fresh Flowers, Wedding and Complimentary Fancy Bouquets Promptly Executed at the shortest notice and at Very Moderate Charges.

Telephone: 42694

Għal fjuri friski, bukketti ta' tiġijiet u okkażjonijiet oħra, irrikorru għand din id-ditta.

PROFILI BALZANIN — 12

GABRIEL CARUANA



Gabriel Caruana twieled Ħal Balzan fis-7 t'April 1929, minn Antonio u Beatrice neé Ebejer Michelizzi. Sa minn ċkunitu wera ġibda qawwija lejn is-Soċjetà "San Gabriel" fejn zijuh, Luigi Ebejer B.E.M., kien segretarju ħabrieki. Ta' età żgħira huwa bidel il-fustuni kollha tat-toroq li kienu jintramaw għall-festa. Ftit wara beda jiġbor għall-festa flimkien ma' oħrajn. Ta' sbatax-il sena ġabar għall-istatwa ta' Malta u għal sett pavaljuni tad-drapp. Fl-1946 ġabar għall-kolonni tal-kuruna. Fl-1949 ħadem id-disinn tal-faċċata bl-elettriku, li ġie mixgħul l-ewwel darba fl-Anno Santo ta' l-1950. Ta' tnejn u għoxrin sena ġie elett l-ewwel darba fil-kumitat tal-Każin San Gabriel u ngħata l-kariga ta' segretarju. Fl-1952 waqqaf il-Banda San Gabriel. Fl-1953, fir-Royal Visit tal-Maestà Tagħha r-Reġina Elizabetta, huwa rrappreżenta lill-Każin tal-Banda San Gabriel f'ċerimonja li kienet saret fil-Pjazza ta' Ħal Balzan. Fl-1954 insibuh Segretarju Relazzjoni Baned fil-Malta Band Clubs Association. Bejn is-snin 1952-60 ħadem flimkien ma' oħrajn diversi karrijiet għall-karnival. Issuġġerixxa u ħadem flimkien ma' oħrajn biex jinxtara l-bini li fih jinstab il-Każin tal-Banda San Gabriel illum. Beda jorganizza diversi attivitajiet fil-bitħa ta' l-istess każin. Tħabat kemm felaħ biex jinxtraw xi strumenti tal-banda.

Gabriel huwa membru fil-Kunsill tal-Malta Society of Arts kif ukoll membru fil-Kumitat tal-Malta International Trade Fair u f'dak tal-Malta Union of Teachers.

Jinteressa ruħu ħafna fl-iskultura ċeramika u dwar dan il-qasam huwa msemmi sewwa fl-isfera internazzjonali. Nispera li għad niktbu aktar dwar is-suċċess tiegħu f'dan il-qasam aktar tard. Għal aktar tagħrif, ara l-artiklu ta' Guido Borg, "Gabriel Caruana — Organizzatur" fil-ħarġa Nru 18 ta' "Ħal Balzan" ta' Lulju/Awwissu 1974.

APPELL

Nagħmlu appell lill-qarrejja kollha sabiex ikunu aktar ġenerużi fl-offerta tagħhom ta' din id-darba, minħabba l-ispejjeż kbar ta' din il-Ħarġa Speċjali. Grazzi ħafna.

Il-Bord Editorjali.